Mariners and spectators are to navigate with caution and to keep a sharp lookout when in the vicinity of the above-mentioned courses and when sighted, give the participants a wide berth.

Mariners are also to keep out of the established zone round buoy 1, shown in red on the attached charts, and at least 200m away from the inflatable buoy 2 mentioned above.

All vessels not participating in the races are to maintain a safe distance of at least 50m from all the participating vessels at all times.

The Pembroke firing ranges will be inactive during the coastal race on Wednesday, 15th October, 2025, and during the start of the Rolex Middle Sea Race on Saturday, 18th October, 2025.

Mariners are advised that on Saturday, 18th October, 2025 between 9.00 a.m. and 3.00 p.m. or such time as may be communicated on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta

VTS, jekk qabel, il-Port il-Kbir għandu jkun magħluq għat-traffiku kollu li ma jkunx relatat direttament mat-tellieqa.

Matul dawn il-ħinijiet, il-bastimenti l-oħra kollha huma meħtieġa jibqgħu f'żoni magħżula fil-port ta' ġewwa sa Ras Ħanżir, f'Dockyard Creek, Kalkara Creek u l-Bajja tar-rinella (iż-żoni huma murija fuq chart 1 kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

L-ebda bastiment mhu se jitħalla mal-moll ħdejn is-suq tal-ħut peress li dan il-moll qed jiġi riservat għall-bastimenti tal-emerġenza biss.

Il-baħħara huma avżati biex jikkoperaw mal-organizzaturi u l-uffiċjali tal-infurzar marittimu fiż-żona. Barra minn hekk, huma għandhom jopsservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Il-pożizzjonijiet huma f'WGS 84 Datum.

Charts affettwati: BA 177, 194, 2537,2538

It-3 ta' Ottubru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 182 tal-2025

Iffilmjar fil-Portijiet tal-Belt Valletta – RDH2

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-operaturi tal-bastimenti tal-baħar kollha li se jsir iffilmjar fil-portijiet tal-Belt Valletta.

L-iffilmjar se jsir fid-dati u l-ħinijiet elenkati f'kull wieħed mill-postijiet li ġejjin.

Sant'Iermu – il-Port ta' Marsamxett

L-iffilmjar huwa skedat li jsir bejn l-Erbgħa, 8 ta' Ottubru, 2025 u s-Sibt, 11 ta' Ottubru, 2025, ħdejn Sant'Iermu fil-Port ta' Marsamxett, mis-6.00 a.m. sat-8.00 p.m., kif muri fuq Chart A fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Grand Harbour Marina – il-Birgu

L-iffilmjar huwa skedat li jsir qrib Pontun D fil-Grand Harbour Marina – il-Birgu, bejn it-Tlieta, 14 ta' Ottubru, 2025 u l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2025, mis-6.00 a.m. sat-8.00 p.m., kif muri fuq Chart B fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Rinella Port Facility – Rinella Bay għal barra mill-port

L-iffilmjar huwa skedat li jsir mir-Rinella Port Facility, il-Bajja tar-Rinella, għal barra mill-port, bejn il-Ġimgħa,

VTS, if earlier, the Grand Harbour shall be closed for all traffic not directly related to the race.

During these times all other vessels shall be required to remain within designated areas in the inner harbour up to Ras Hanzir, in Dockyard Creek, Kalkara Creek and Rinella Bay (the areas are shown on chart 1 found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

No vessel will be allowed at the quay next to the fish market as this quay is being reserved for emergency vessels only.

Mariners are instructed to cooperate with the organizers and Maritime Enforcement officers in the area. Moreover, they are to comply with any instructions given on VHF channel 12 and /or 16 by Valletta VTS.

Positions are in WGS 84 Datum.

Charts affected: BA 177, 194, 2537,2538

3rd October, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 182 of 2025

Filming within Valletta Harbours – RDH2

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners and sea vessel operators that filming activities will take place within the Valletta harbours.

Filming will take place on the listed dates and times at each of the following locations:

St Elmo – Marsamxett Port

Filming is scheduled to be carried out between Wednesday, 8th October, 2025 and Saturday, 11th October, 2025, near St Elmo at Marsamxett Port, from 6.00 a.m. to 8.00 p.m., as shown on Chart A found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Grand Harbour Marina – Vittoriosa

Filming is scheduled to be carried out close to Pontoon D at the Grand Harbour Marina – Vittoriosa, between Tuesday, 14th October, 2025 and Wednesday, 15th October, 2025 from 6.00 a.m. to 8.00 p.m., as shown on Chart B found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Rinella Port Facility – Rinella Bay to out at sea

Filming is scheduled to be carried out from the Rinella Port Facility, Rinella Bay to out at sea, between Friday, 10th

10 ta' Ottubru, 2025 u s-Sibt, 11 ta' Ottubru, 2025, u nhar it-Tlieta, 14 ta' Ottubru, 2025, mis-6.00 a.m. sat-8.00 p.m., kif muri fuq Chart C fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Old Fishmarket Building – Port il-Kbir għall barra mill-port

L-iffilmjar huwa skedat li jsir mill-Old Fishmarket Building għal barra mill-port, bejn il-Ħamis, 9 ta' Ottubru, 2025 u l-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2025, mis-6.00 a.m. sat-8.00 p.m., kif muri fuq Chart D fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Matul il-ġranet u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq, għas-sigurtà tal-għawwiema u l-għaddasa, il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'veloċità baxxa (mingħajr rima).

Jekk f'xi waħda mill-ġranet speċifikati hawn fuq, l-iffilmjar ma jkunx jista' jsir minħabba maltemp, l-iffilmjar isir ġewwa l-Port il-Kbir, kif muri f'Chart E fis-sit ta' Transport Malta (transport.gov.mt). In-navigazzjoni se tkun ristretta fiż-żona skont il-punti X, Y u Z.

Se jinħareġ Securite message mill-Valletta VTS fil-jiem meta l-iffilmjar isir fil-Port il-Kbir.

Ma għandu jsir l-ebda tlajjar. Konsegwentement, il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti li jgħaddu minn dawn iż-żoni m'għandhomx jirmiġġaw jew jitfgħu l-ankra u għandhom jibqgħu għaddejjin.

Il-baħħara li jbaħħru fil-viċinanza taż-żona indikata fid-dati u l-ħin imsemmija għandhom isegwu fuq VHF Channel 12/16 u għandhom jikkoperaw mal-ekwipaġġ tal-iffilmjar u/jew kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fiż-żona.

Kull struzzjoni maħruġa fuq VHF Channel 12/16 minn Valletta VTS għandha tiġi osservata.

Chart affettwata: BA 177

It-3 ta' Ottubru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru 36 tal-2025

Kanċellazzjoni ta' Avviż lill-Baħħara Nru 35 tal-2025 – Dawl Kardinali tan-Nofsinhar fil-Ġebla ta' Ħajra fil-Bajja ta' Marsaxlokk – MITFI

B'referenza għal BA Chart 36 – Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yacthing, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li d-Dawl Kardinali tan-

October, 2025 and Saturday, 11th October, 2025, and on Tuesday, 14th October, 2025, from 6.00 a.m. to 8.00 p.m., as shown on Chart C found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Old Fishmarket Building – Grand Harbour to out at sea

Filming is scheduled to be carried out from the Old Fishmarket Building to out at sea, between Thursday, 9th October, 2025 and Friday, 17th October, 2025, from 6.00 a.m. to 8.00 p.m., as shown on Chart D found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

During the days and times mentioned above, for the safety of the swimmers and divers, mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed (no wake).

If on any of the days specified above, the filming cannot proceed due to bad weather, the filming will be held inside the Grand Harbour, as shown in Chart E found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt). Navigation will be restricted within the area in line with the points X, Y and Z.

A Securite message will be issued by Valletta VTS on the days when the filming takes place within the Grand Harbour.

No loitering is being requested. Consequently, Masters and operators of vessels transiting these areas shall not moor or drop anchor and must remain underway.

Mariners navigating in the vicinity of the indicated area on the mentioned dates and time are to keep watch on VHF Channel 12/16 and are to cooperate with the filming crew and/or any enforcement officers in the area.

Any instructions issued on VHF Channel 12/16 by Valletta VTS are to be complied with.

Chart affected: BA 177

3rd October, 2025

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 36 of 2025

Cancellation of Notice to Mariners No. 35 of 2025 - South Cardinal Light at il-Ġebla ta' Ħajra at il-Bajja ta' Marsaxlokk – UNLIT

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the South Cardinal Light

Nofsinhar fil-Ġebla ta' Ħajra fil-Bajja ta' Marsaxlokk iteptep VQ(6)+LFl.10s (immuntat fuq arblu) fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 49'.746	014° 32'.846

ġie mixgħul mill-ġdid u qed jaħdem sew.

Avviż lill-Baħħara Nru 35 tal-2025 huwa b'dan ikkanċellat.

It-3 ta' Ottubru, 2025

FESTIVALS MALTA

Sejħa ghal Direttur Artistiku tal-Festival Mużika Mużika fl-Aġenzija Festivals Malta

FMA 45/2025

L-Aġenzija Festivals Malta, taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, tgħarraf li qed tirċievi applikazzjonijiet minn individwi kreattivi u nnovattivi għar-rwol ta' Direttur Artistiku għall-Festival Mużika Mużika għall-edizzjonijiet 2027-2029

L-applikazzjonijiet se jintlaqgħu mill-Aġenzija sal-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2025, sa nofsinhar, permezz ta' ittra elettronika lil (fm.hr@festivals.mt).

Iktar informazzjoni tista' titniżżel mis-sit elettroniku ta' Festivals Malta (www.festivals.mt/calls-and-applications).

It-3 ta' Ottubru, 2025

FESTIVALS MALTA

Vakanza ta' Senior Tradesperson (Elettriċista) fl-Aġenzija Festivals Malta

Numru tal-Permess tal-Jobsplus 733/2025

L-Aġenzija Festivals Malta, taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, tavża li qed tirċievi applikazzjonijiet minn individwi għax-xogħol ta' Senior Tradesperson (Elettriċista). L-applikazzjonijiet se jintlaqgħu mill-Aġenzija sal-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2025, sa nofsinhar, permezz ta' ittra elettronika lil (fm.hr@festivals.mt).

Iktar informazzjoni tista' titniżżel mis-sit elettroniku ta' Festivals Malta (www.festivals.mt/calls-and-applications).

It-3 ta' Ottubru, 2025

at il-Ġebla ta' Ħajra at il-Bajja ta' Marsaxlokk flashing VQ(6)+LFl.10s (pole-mounted) in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 49'.746	014° 32'.846

has been re-lit and is functioning properly.

Notice to Mariners No. 35 of 2025 is hereby cancelled.

3rd October, 2025

FESTIVALS MALTA

Call for Artistic Director of Mużika Mużika Festival for Festivals Malta Agency

FMA 45/2025

Festivals Malta Agency, under the responsibility of the Ministry for Culture, Lands and Local Government, invites applications from creative and innovative professionals to take on the role of Artistic Directors for the Mużika Mużika festival for the 2027-2029 editions.

Applications are to be received by not later than Friday, 17th October, 2025, at noon, by email to (fm.hr@festivals.mt).

Further information may be obtained from the Festivals Malta website (www.festivals.mt/calls-and-applications).

3rd October, 2025

FESTIVALS MALTA

Vacancy – Senior Tradesperson (Electrician) within Festivals Malta Agency

Jobsplus Permit Number 733/2025

Festivals Malta Agency, under the responsibility of the Ministry for Culture, Lands, and Local Government, invites applications for the post of a Senior Tradesperson (Electrician). Applications are to be received by not later than Friday, 17th October, 2025, at noon, by email to (fm.hr@festivals.mt).

Further information may be obtained from the Festivals Malta website (www.festivals.mt/calls-and-applications).

3rd October, 2025

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Sejħa għall-applikazzjoni għal Uffiċjal tal-Komunità, Immaniġjar tat-Traffiku fuq bażi part-time

Referenza tal-permess tal-Jobsplus Numru 86/2022

L-applikanti għandhom ikunu:

Ċittadini ta' Malta; jew

Ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati li jittrattaw il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

Ikunu taħt l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena

Jafu jaqraw u jiktbu bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża.

Għandhom jippreżentaw Ċertifikat tat-Tluq mill-Iskola,

Għandhom jippreżentaw kondotta nadifa riċenti tal-Pulizija,

Fil-pusses tagħhom liċenzja tas-sewqan valida u nadifa.

Ikunu medikament b'saħħithom fl-aspett fiżiku kif ukoll mentali, skont l-istandards mediċi stabbiliti mil-LESA sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet ta' Uffiċjal tal-Komunità

Kandidati li jkollhom it-tatwaġġi u/jew body piercing se jiġu kkunsidrati fuq bażi ta' każ b'każ.

Esperjenza relatata mal-Infurzar Lokali tkun ikkunsidrata bħala ta' vantaġġ għall-impieg.

Il-kandidati interessati għandhom jibagħtu Curriculum Vitae flimkien mal-kredenzjali mitluba permezz ta' ittra elettronika lil (hr.lesa@lesa.gov.mt.), jew ippreżentat bl-idejn fil-Bini tal-Amministrazzjoni LESA, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, 246, Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, sa mhux aktar tard mil-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2025, fl-4.00 p.m.

L-applikazzjonijiet kollha huma rikonoxxuti u trattati bl-aktar kunfidenza stretta.

It-3 ta' Ottubru, 2025

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Call for application for a Community Officer Traffic Management on part-time basis

Ref. Jobsplus Permit Number 86/2022

Applicants must:

Be a citizen of Malta; or

Citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

Be under sixty-five (65) years of age

Have the ability to read and write in the Maltese and English languages

Present a School Leaving Certificate

Present a recent clean Police Conduct

Be in possession of a valid and clean driving licence.

Be medically fit in all aspects, physically and mentally, in accordance with the medical standards of fitness established by LESA, to be able to perform all Community Officer duties.

Applications by candidates having tattoos and/or heavy body piercing will be considered on a case-by-case basis.

Experience related to Local Enforcement will be considered an asset.

Interested candidates have to submit a Curriculum Vitae together with the requested credentials through (hr.lesa@lesa.gov.mt.), or presented by hand at the LESA Administration Building, Human Resources Office, 246, Triq Mater Boni Consilii, Fgura, by not later than Friday, 17th October, 2025, at 4.00 p.m.

All applications are acknowledged and treated in the strictest confidence.

3rd October, 2025

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali biex iservi f'Għawdex

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali biex iservi f'Għawdex.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Manager (Paying Agency) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Peress li din il-pożizzjoni hi marbuta ma' terminu ta' żmien fiss, jew tlestija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) tikkostitwixxi raguni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Mal-impjieg, Manager (Paying Agency) biex iservi f'Għawdex huwa obbligat li jsegwi kors ta' (4) erba' xhur taħriġ intern fl-Agriculture and Rural Payments Agency Malta.

2.5 Uffiċjali pubbliċi li huma normalment residenti f'Għawdex iżda li bħalissa jaħdmu f'Malta, u li għandhom l-istess grad sostantiv bħal dak li qed jiġi reklamat, jistgħu japplikaw lateralment. Jekk jintgħażlu, dawn l-uffiċjali pubbliċi jiġu assenjati b'mod permanenti biex jaħdmu f'Għawdex bil-grad rispettiv, id-dritt tas-salarju, u l-punt tas-salarju tagħhom, inkluż id-dritt għal żidiet, kwalunkwe progressjoni u promozzjoni marbuta mal-post. Huwa ċċarat li dawn il-kandidati mhux se jingħataw marki addizzjonali fil-proċess tal-għażla għall-pussess ta' kwalunkwe kwalifiki li huma rekwiżit ta' eliġibbiltà kif iddikjarat f'din is-sejħa għall-applikazzjoni.

2.6 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Position of Manager (Paying Agency) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights to serve in Gozo

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights invites applications for the position of Manager (Paying Agency) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights to serve in Gozo.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Manager (Paying Agency) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Manager is subject to a probationary/trial period of twelve (12) months.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, the position of Manager (Paying Agency) constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 On employment, the Manager (Paying Agency) to serve in Gozo is obliged to follow a (4) four months in- house training course within the Agriculture and Rural Payments Agency Malta.

2.5 Public officers who are ordinarily resident in Gozo but currently working in Malta, and who hold the same substantive grade as that being advertised, may apply laterally. If selected, such public officers will be permanently assigned to work in Gozo, carrying their respective grade, salary entitlement, and salary point, including entitlement to increments, any progression, and promotion tied to the position. It is clarified that such candidates will not be awarded additional marks in the selection process for the possession of any qualifications which are an eligibility requirement as stated in this call for applications.

2.6 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public

jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tarRekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din issejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tannotifika tal-ħatra.

2.7 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pozizzjoni ta' Manager (Paying Agency) huwa ekwivalenti għal inkrement inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €33,162.83 fl-2025), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra, wara it-tlestija tal-probationary period ta' sena (1) jew tlestija ta' sena servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar.

3.2 Persuna magħżula tkun intitolata wkoll għal:

i) Performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħha. Ir-rata attwali tiġi stabbilità b'diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti (MAFA);

ii) Disturbance allowance (minflok overtime) ta' 15% tas-salarju rispettiv li jista', f'ċirkustanzi eċċezjonali u għall-perjodi speċifiċi kif awtorizzat mis-Segretarju Permanenti rispettiv, tista' tiżdied għal 25%; u

iii) Pro-rata responsibility allowance, stabbilità għal 25% tal-iskala tas-salarju rispettiv.

Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.7 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salary Pegged to the Position

3.1 The Salary attached to the position of Manager (Paying Agency) is equivalent to the maximum of Salary Scale 7 less an increment (equivalent to €33,162.83 in 2025), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one (1) year service, whichever is the later.

3.2 A selected candidate will also be entitled to:

i) A performance bonus of up to 10% of his/her basic salary. The actual rate will be established at the discretion of the Permanent Secretary (MAFA);

ii) A disturbance allowance (in lieu of overtime) of 15% of the respective scale which may, in exceptional circumstances and specific periods duly authorised by the respective Permanent Secretary, be increased by 25%; and

iii) A pro-rata responsibility allowance flat at 25% of the respective salary scale.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) huma:

i. Jappoġġja l-operat tal-Aġenzija bi prestazzjoni ta' livell għoli skont kif assenjat f'waħda mill-funzjonijiet tal-Aġenzija u dan biex ix-xogħol jitwettaq b'mod effettiv u effiċjenti, kif ukoll jimplimenta u jesegwixxi skemi, programmi, miżuri u pagamenti ffinanzjati taħt l-EAGF u l-EAFRD, b'mod orjentat lejn il-klijent;

ii. Jassumi sehem ewlieni fil-kordinament ta' inizjattivi dwar il-politika fl-Aġenzija, inklużi dawk mibdijin fuq il-livell tal-UE, sabiex jassigura li tittieħed azzjoni deċisiva u f'waqtha biex tkun definita t-triq 'il quddiem u sabiex il-pjan jitwettaq fil-ħin u b'mod korrett fl-ambitu tar-riżorsi disponibbli, dejjem skont id-direzzjonijiet li jistgħu jingħataw mis-superjuri;

iii. Jirrappreżenta lill-Aġenzija tal-Pagamenti, il-Ministeru responsabbli u/jew lil Malta kif u fejn meħtieġ, kemm fuq livell lokali, nazzjonali, internazzjonali jew tal-UE, inklużi is-seduti tal-Qorti;

iv. Iżomm lis-superjuri diretti u lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti infurmati dwar żviluppi fil-qasam assenjat lilu, kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak lokali, inklużi żviluppi politiċi, ekonomiċi, soċjali, tekniċi, xjentifiċi jew teknoloġiċi, flimkien ma' żviluppi organizzattivi li jistgħu jolqtu jew ikunu rilevanti għax-xogħol tal-Aġenzija tal-Pagamenti, il-funzjonijiet u l-akkreditazzjoni tagħha;

v. Ifassal rapporti u briefs komprensivi, dwar oqsma relatati max-xogħol tal-Aġenzija li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha, dan kemm meta mitluba u kif ukoll fuq inizjattiva personali;

vi. Jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni li tkun fis-seħħ fil-qasam tal-kompetenza tagħha, inkluż inter alia r-Regolamenti tal-Kunsill 2115/2021, 2116/2021, 1305/2015, 1306/2013, 1307/2013 u 1308/2013 u atti relatati li jimplementaw jew li ġew delegati, kif ukoll leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti jew regoli, kif jista' jkun assenjat jew delegat mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti jew skont id-direzzjoni li tista' tingħata mis-superjuri;

vii. Ifassal u jirrakkomanda lis-superjuri diretti tiegħu proċeduri amministrattivi effettivi għall-monitoraġġ u l-kontrolli meħtieġa sabiex tkun assigurata l-korrettezza u l-osservanza tal-iskadenzi fl-awtorizzazzjoni ta' claims taħt il-kompetenza tiegħu, u jassigura li dawn jiġu implimentati, esegwiti u rrappurtati b'mod effiċjenti;

viii. Jikkontribwixxi għall-kisba ta' livelli għoljin ta' kontabbiltà u trasparenza billi jżomm rekords xierqa dwar id-deċiżjonijiet u t-tranżazzjonijiet li jsiru, u billi jipprovdi

Duties

4. The job duties for the position of Manager (Paying Agency) include:

i. Supports the Agency's operation by performing at a high-level as assigned within any one of its functions for the effective and efficient delivery of its business, to implement and execute schemes, programmes, measures and payments funded under the EAGF and the EAFRD, in a client-oriented manner;

ii. Be responsible in a leading role in co-ordinating policy initiatives within the Agency, including those at EU level, so as to ensure that appropriate early and decisive action is undertaken to chart a way forward and execute this in a timely and correct manner within resource constraints, in line with such directions as may have been given by superiors;

iii. Represents the Paying Agency, responsible Ministry and/or Malta as and where necessary, whether at local, national, international or at EU level, including court sittings;

iv. Keeps direct superiors and the Director General of the Paying Agency informed of developments in the assigned area, whether at EU or on a domestic level, including potential, economic, social, technical, scientific or technological developments, as well as organisational developments that may impact or be relevant to the business of the Paying Agency, its functioning or accreditation;

v. Draws up succinct but comprehensive reports and briefs, both when requested or upon own initiative, on matters related to the Agency's business in his/her area of competence;

vi. Implements the Common Agricultural Policy legislation in force in his/her area of competence, including inter alia EU Council Regulations 2115/2021, 2116/2021, 1305/2015, 1306/2013, 1307/2013 and 1308/2013 and the related implementing and delegated acts, as well as relvant national legislation or rules as may be assigned or delegated by the Director General of the Paying Agency or in line with such directions as may have been given by superiors

vii. Draws up and recommends to his/her direct superiors effective administrative monitoring and control procedures required in order to ensure correctness and timeliness for the authorisation of claims in his/her area of competence, and ensures that these are implemented, executed and reported upon in an efficient manner;

viii. Contributes to the Agency's high level of accountability and transparency by keeping appropriate records of decisions and transactions made, provides a timely

risposti effettivi u fil-ħin għall-mistoqsijiet li jsiru mill-Audit Missions tal-Kummissjoni Ewropea, tad-Dipartiment għall-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jew tal-Ombudsman;

ix. Imexxi l-istaff assenjat lilu billi juri leadership u involviment hands-on fil-kordinament u t-twettiq tal-attività fit-taqsimiet jew mill-istaff li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu u dan sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Aġenzija kif stabbiliti mis-superjuri tiegħu, imexxi wkoll l-uffiċjali fil-gradi kollha kif meħtieġ billi jagħti l-eżempju, u kif ukoll billi jieħu sehem sħiħ bħala membru tal-maniġment superjuri, inkluż billi jikkollabora b'mod effettiv ma' dipartimenti, entitajiet u persuni interessati oħra għan-nom tal-Aġenzija meta u kif meħtieġ;

x. Jimmaniġġja l-prestazzjoni ta' membri tal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali li jkunu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tiegħu, anke billi jasal fi ftehim magħhom dwar pjanijiet personali ta' prestazzjoni, jistabbilixxi miri u aspettativi ċari bbażati fuq miżuri tax-xogħol f'dawk il-pjanijiet, jagħmel monitoraġġ u jevalwa l-prestazzjoni, jipprovdi feedback regolari, jindika oqsma fejn jista' jsir titjib, u juża b'mod attiv l-għodda u l-mekkaniżmi disponsibbli sabiex jimmotivahom u jikseb l-aħjar prestazzjoni, filwaqt li jassigura li l-istess proċess jitħaddem għall-ħaddiema li jaqgħu taħthom;

xi. Jagħmel kull komunikazzjoni, informazzjoni jew azzjonijiet ta' taħriġ skont kif ikun hemm bżonn biex jassigura t-trasferiment effettiv tal-għarfien u l-ħiliet fost l-istaff jew persuni interessati oħra, anke bit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kampanji informattivi, promozzjonali u li jqajmu kuxjenza, skont direzzjonijiet mogħtija mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti jew skont id-direzzjoni li tista' tingħata mis-superjuri;

xii. Jappoġġja u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' inizjattivi tal-ministeru responsabbli, inklużi miżuri tal-manifest elettorali, miżuri għat-twettiq tal-estimi finanzjarji, miżuri ta' simplifkazzjoni jew regolazzjoni aħjar u inizjattivi u obbligi oħra tas-Servizz Pubbliku kif ikun meħtieġ;

xiii. Juri fi kwalunkwe sitwazzjoni u partikolarment meta jkunu qed jersqu l-iskadenzi tal-fondi, l-abbiltà u r-rieda li jaħdem taħt pressjoni, inkluż meta meħtieġ li jaħdem sat-tard, fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi biex ilaħħaq mal-iskadenzi, u fejn meħtieġ li anke jsiefer fuq xogħol uffiċjali;

xiv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjuri jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xv. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

and effective response to queries by Audit Missions from the European Commission, the Internal Audit and Investigations Department, the National Audit Office or the Ombudsman;

ix. Manages assigned subordinates by demonstrating leadership and a hands-on approach in the coordination and performance of activities of the unit and/or personnel under his/her charge in order to meet the Agency's objectives as set by his/her superiors, leads officials in all grades in any task by example where necessary, as well as liaises effectively with other departments, entities or stakeholders on the behalf of the Agency when and as required;

x. Manages the performance of members of the Agriculture and Rural Payments Agency under his/her direct responsibility, in part by: agrees personal performance plans with them, sets clear targets and expectations based on work measurement in those plans, monitors and evaluates their performance, provides regular feedback, points out areas for improvement, and actively using all available tools and mechanisms to motivate them and optimize their performance, while ensures a trickle-down approach is also being used for their subordinates;

xi. Undertakes such communication, information or training actions as are needed to ensure effective transfer of knowledge and skills to staff and/or stakeholders, including through the design and implementation of information, promotional or awareness campaigns as directed by the Director General of the Paying Agency or in line with such directions as may have been given by superiors;

xii. Supports and contributes to the successful implementation of the responsible ministry's initiatives, including such electoral manifesto measures, budgetary implementation measures, simplification and better regulation measures or other public service initiatives or obligations as may be required;

xiii. Demonstrates in all situations and particularly in periods where funding deadlines are approaching, an ability and willingness to work under challenging pressure, including whenever so required by working late or on weekends or on public holidays to meet deadlines, or where required to travel abroad on official business;

xiv. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xv. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xvi. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

xvi. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;

U

iii. a) ikunu fil-pussess ta' Master's Degree fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għall-minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fl-Accountancy, jew Business Studies, jew Finance, jew Banking, jew Public Policy, jew Environment/ Earth Systems, jew Agriculture, jew Communications, jew kwalifika komparabbli professjonali fil-Livell 7 tal-MQF fl-Accountancy, u sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti għal rwol relatat ma' finanzjament tal-UE;

JEW

b) fil-pussess ta' degree ta' Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għall-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti**) fl-Accountancy, jew Business Studies, jew Finance, jew Banking, jew Public Policy, jew Environment/ Earth Systems, jew Agriculture, jew Communications, jew Kwalifika komparabbli professjonali fil-Livell 6 tal-MQF fl-Accountancy, u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti għal rwol relatat ma' finanzjament tal-UE;

JEW

c) huma uffiċjali pubbliċi fi Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 10, jew impjegati fi-Settur Pubbliku li qed jaqdu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, jew ħaddiema tal-RSSL, it-tnejn fl-livell ta' responsabbiltà komparabbi, b'sitt (6) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti għal rwol relatat mal-finanzjament tal UE.

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bilkundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

**Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for;

AND

iii. a) in possession of a Master's Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Accountancy, or Business Studies, or Finance, or Banking, or Public Policy, or Environment/ Earth Systems, or Agriculture, or Communications, or a comparable professional qualification at MQF Level 7 in Accountancy plus one (1) year work experience relevant for such an EU-funding related role;

OR

b) in possession of a Bachelor's Degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent**) in Accountancy, or Business Studies, or Finance, or Banking, or Public Policy, or Environment/ Earth Systems, or Agriculture, or Communications, or a comparable professional qualification at MQF Level 6 in Accountancy plus three (3) years work experience relevant for such an EU funding related role;

OR

c) Public officers in a Scale not below Scale 10, or Public Sector employees performing duties in the Malta Public Service or RSSL employees, both at a comparable level of responsibility, with six (6) years work experience relevant for such an EU-funding related role.

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

**A recognised comparable Bachelor's qualification, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Bachelor's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 180 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to the minimum of 180ECTS/ ECVET credits.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 5/1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 5.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.2, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

4.2. (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafi 4.1jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika f i żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

4.2. (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għal applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or

mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjoniji applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4. Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, il-livell ta' eliġibbiltà meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Edukazzjoni (https://edurecruitment.gov.mt). Ċertifikati tad-Diploma/Degree/Post-Graduate jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom transcript, bl-Ingliż (Diploma/Certificate supplement), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1. Preferenza tingħata lill-applikanti li għandhom fil-pussess tagħhom livell minimu ta' B2 ta' proficjenza fis-CEFRL fit-tieni l-lingwa tal-komunità (UE). Tagħrif tal-lingwa tal-post tal-impjieg huwa mixtieq.

other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3. Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4. Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, the requisite eligibility level required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

Submission of Supporting Documents

5.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt). Diploma/Degree/Post-Graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript (Diploma/Certificate supplement) in English, showing the Degree obtained and the final classification.

5.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1. Preference will be given to applicants in possession of a proficiency Level minimum B2 of CEFRL in a second Community language (EU). Knowledge of the language of the place of employment is desirable.

6.2. L-applikanti eleġibbli jintalbu jagħmlu test ta' profiċjenza fil-Malti u ieħor fl-Ingliż organizzat mill-MEYR. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 800 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 560. Iż-żewġ testijiet ta' profiċjenza għandhom f'daqqa, marka massima ta' 400 u persuna trid iġġib 280 biex tgħaddi, waqt li l-intervista għandha marka massima ta' 400 u minimu ta' 200.

6.3. Jiġu intervistati biss dawk il-kandidati li jġibu tal-anqas 70% tal-marka f'kull test ta' profiċjenza minn bord tal-għażla, li jiddetermina min hu addattat għall-post. Fl-intervista l-applikanti jridu jippreżentaw portafoll professjonali li jinkludi fih l-aspetti ewlenin tal-iżvilupp professjonali tagħhom fit-tagħlim u xi riżorsi ta' tagħlim maħluqa minnhom u preżentazzjoni qasira ta' ħames minuti ta' suġġett flimkien mal-portafoll tagħhom. L-applikanti huma mistennija li jkollhom tagħrif bażiku fuq l-istruttura u l-organnizzazzjonijiet tal-Iskejjel Ewropew. Dawn jistgħu jiġu aċċessati minn (http://eursc.org/).

6.4. It-testijiet ta' profiċjenza ta' siegħa l-wieħed se jsiru fi ħdan il-MEYR. Se tintbagħat ittra elettronika bid-data/ħin u l-post lill-applikanti li huma eliġibbli.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Edukazzjoni online **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Tnejn, 20 ta' Ottubru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2. Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita minħabba vakanzi addizjonali, applikanti oħra jistgħu jiġu assessati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet, sakemm ikunu ssottomettew l-applikazzjoni sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Diċembru, 2025.

7.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.4. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.5. Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

6.2. Eligible applicants will be required to sit for a proficiency test in the Maltese and English languages organised by MEYR. The maximum mark for this selection process is 800 and the pass mark is 560. The Proficiency Tests have a maximum mark of 400 and a pass mark of 280, while the interview carries a maximum mark of 400 and a minimum of 200.

6.3. Only candidates who obtain at least 70% of the marks allocated for each proficiency test will be interviewed by a selection board to determine their suitability for the post. At the interview applicants are expected to present a professional portfolio highlighting aspects of the teaching and learning process including teaching resources and a brief five minutes presentation of a topic alongside their portfolio. They are also expected to have a basic knowledge of the European Schools structure and organisations which can be accessed on (http://eursc.org/).

6.4. The proficiency tests of one hour each duration will be held within MEYR. An email with date/time and place will be sent to eligible applicants.

Submission of Applications

7.1. Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, through the online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 20th October, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2. However should the order of merit list be exhausted and new vacancies arise, other applicants may be interviewed without recourse to a new call for applications, provided they would have submitted their application by 5.15 p.m. (Central European Time) of Wednesday, 31st December, 2025

7.3 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.4. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.5. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Ottubru, 2025

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Il-Ftuħ tal-Applikazzjoni Online għall-Istipendji u Għotjiet

Il-Bord tal-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, qed javża li fetaħ il-proċess tal-applikazzjoni online għall-istipendji u l-għotjiet għas-Sena Akkademika 2025-2026, minn nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru, 2025.

Studenti li qed japplikaw għall-ewwel darba għandhom japplikaw għall-Istipendji u l-Għotjiet billi jużaw l-eID u l-password tagħhom.

Studenti promossi għandhom jidħlu fis-sistema bl-eID tagħhom u jikkonfermaw id-dettalji personali u tal-kors li qed isegwu.

Studenti taħt il-livell universitarju li qed jistudjaw għal kwalifiki li jwasslu għal Livell 4, 5 jew 6 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki, f'istituzzjonijiet privati f'Malta jew barra minn Malta, jistgħu japplikaw ukoll.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

3rd October, 2025

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Opening of the Stipends and Grants' Online Application

The Students' Maintenance Grants' Board, within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, is hereby announcing the opening of the online application for Stipends and Grants for Academic Year 2025-2026, starting on Monday, 29th September, 2025.

New students are to apply for Stipends and Grants using their eID and password.

Promoted students are to log in using their eID and confirm their personal and course details.

Undergraduate students studying for qualifications leading to Malta Qualification Framework, Level 4, 5 or 6, at private institutions in Malta or abroad, may also apply.

Kopji skennjati tad-dokumenti obbligatorji għandhom jittellgħu fl-applikazzjoni online.

Studenti li japplikaw sa nhar l-Erbgħa, 31 ta' Diċembru, 2025, jiġu kkunsidrati għall-Istpendji u l-Għotjiet mill-bidu tas-sena akkademika kemm-il darba jirriżulta li huma eliġibbli.

L-applikazzjoni u aktar informazzjoni jistgħu jinkisbu minn (https://stipendsandgrants.gov.mt)

It-3 ta'Ottubru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru L.S. 65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sal-10 ta' Ottubru, 2025, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
NIU	Scooter	Abjad	GCM807	Il-Mosta
Toyota	Prius	Griż	GCH012	Il-Ħamrun
Lexus	IS250	Griż	GCO679	San Ġiljan
Toyota	Yaris	Isfar	SVE117	Is-Swieqi
BMW	5 Series	Iswed	EBU592	L-Imsida
Opel	Astra	Ikħal	GBD709	Ħad-Dingli

It-3 ta' Ottubru, 2025

Scanned copies of mandatory documentation are to be uploaded with the online application.

Students who submit their application by Wednesday, 31st December, 2025, will be considered for Stipends and Grants as from the beginning of the academic year if found eligible.

Applications and more information may be obtained from (https://stipendsandgrants.gov.mt)

3rd October, 2025

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations S.L. 65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 10th October, 2025, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2556 4134 between 7.30 a.m. and noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

3rd October, 2025

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI
(KAP. 354)

Avviż

Ngħarrfu illi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 43 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), b'ordni tal-Uffiċjal Reviżur sar dan it-tnaqqis fir-Reġistru Elettorali ppubblikat fid-29 ta' April, 2025.

TNAQQIS

Zahra Wayne – 0181594M – 149, Triq il-Karmnu, Il-Fgura

Basnett Wayne – 0230461A – Bellagio Crt, Fl 2, Triq Ta' Grunju, In-Nadur

Busico Loredana – 0068669A – Falcon Blk B. Fl 9, Triq il-Kbira, Tas-Sliema

Da Riva Margherita – 0203881A – 66, Marigold, Fl 5., Triq Abdosir, Marsaxlokk

Guendogdu Muhammed Sueheyl – 0379824A – 56, Grima, Fl 3, Triq Xjuf ir-Riħ, In-Nadur

Hamp Vanessa Clare – 0059903A – 20, Mary. Fl 2, Triq Tal-Katidral, San Pawl il-Baħar

Koerts Joke Simone Tjika – 0145086A – Bellagio Crt, Fl 2, Triq Ta' Grunju, In-Nadur

Lattanzi Subrina – 0200418A – 26, Hestia, Triq Ġużeppi Hyzler, Il-Mosta

Rijnders Christian Henricus Roland – 0235108A – Bellagio Crt, Fl 2, Triq Ta' Grunju, In-Nadur

Terranova Antonino – 0274905A – 55, Belair Crt, Mais 2, Triq il- Port Ruman, San Pawl il-Baħar

Vivenzi Luigino – 0191777A – 66, Marigold, Fl 5., Triq Abdosir, Marsaxlokk

Yale Kenneth Thomas – 0011348A – 10, Qronfla, Triq San Patrizju, Ir-Rabat (Malta)

Yale Marlene Brenda – 0011349A – 10, Qronfla, Triq San Patrizju, Ir-Rabat (Malta)

Di Giovanni Maria Grazia – 0237467A – 75, Siteplans Blk C, Fl 1, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar

It-3 ta' Ottubru, 2025

GENERAL ELECTIONS ACT
(CAP. 354)

Notice

In terms of article 43 of the General Elections Act (Cap. 354), it is notified that by order of the Revising Officer, the following deletions were made in the Electoral Register published on the 29th April, 2025.

DELETIONS

3rd October 2025

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

Bħalma ġie kkomunikat qabel, l-Awtorità tal-Ippjanar qed twettaq aġġornament tal-Mappa Bażi tal-2020. Għal dan il-għan, qed isir stħarriġ permezz ta' droni fil-lokalitajiet magħżula skont id-dati skedati. Fil-każ tax-Xewkija, id-dati li kienu inizjalment ippjanati bejn id-19 ta' Settembru u s-17 ta' Ottubru se jiġu estiżi sal-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, minħabba l-maltemp.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

It-3 ta' Ottubru, 2025

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

As previously communicated, the Planning Authority is undertaking an update of the 2020 Basemap runs. To this end, drone surveys are being carried out in the designated localities according to the scheduled dates. In the case of Xewkija, capturing originally planned between the 19th September and 17th October will now be extended to Friday, 31st October due to bad weather.

Any queries should be directed to (geomatics@pa.org.mt).

3rd October, 2025

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet għall-Ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) – Settembru 2025

Suldat Regolari, Suldat Regolari b'Tagħlim Tekniku u Suldat Regolari bi Sfond Mużikali

It-Tieni Parti: Eżamijiet bil-Miktub

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultati tat-tieni parti (l-eżami bil-miktub) tal-eżami hawn fuq imsemmi, kif ukoll il-lista tal-applikanti li huma eliġibbli, skont paragrafu 2(g) (i) u (ii) tal-istess sejħa, intbagħtu b'ittra elettronika mid-Dipartiment tal-Eżamijiet kif ukoll ġew ippubblikati. Wieħed jista' jarahom fuq in-notice board ta' Edu Servizz.gov, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana; u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex; kif ukoll l-FAM, Luqa Barracks, Ħal Luqa, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż huma mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment tal-Eżamijiet fuq 2598 2958 minnufih.

It-3 ta' Ottubru, 2025

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Examinations for the Enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force) – September 2025

Regular Soldier, Regular Soldier with Technical Background and Regular Soldier with Musical Background

Part II: Written Examinations

The Department of Examinations notifies that the result of Part II (written tests) of the above examination and the list of eligible applicants, as per paragraph 2(g) (i) and (ii) of the same call, have been sent by email by the Department of Examinations and has also been published. These may be seen at the Edu Servizz.gov, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana; at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, and at the AFM, Luqa Barracks, Ħal Luqa, during office hours.

Those candidates who have not received the notice are requested to contact the Department of Examinations on 2598 2958 immediately.

3rd October, 2025

ATT TAL-2003 DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

REGOLAMENTI TAL-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET TAL-KUNSILL TAL-ISPIŻJARA

Nominazzjoni ta' Kandidati

Ngħarrfu b'dan skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-2003 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Ispiżjara, illi n-nominazzjonijiet ta' kandidati biex jimtlew ħames vakanzi ta' Spiżjara u żewġ vakanzi ta' Pharmacy Technicians bħala membri tal-Kunsill tal-Ispiżjara skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 15 tal-Att tal-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464) se jintlaqgħu mir-Reġistratur tal-Kunsill tal-Ispiżjara, fl-Uffiċċju tal-Kunsill tal-Ispiżjara, OPD Level 1, l-Isptar San Luqa, Pjazza San Luqa, Gwardanġa, nhar il-Ħamis, 16 ta' Ottubru, 2025, u l-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2025, bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m.

Dawk l-ispiżjara u pharmacy technicians li huma rreġistrati sal-15 ta' Ottubru, 2025, BISS huma eliġibbli għall-elezzjoni.

Il-formoli tan-nominazzjoni għall-kandidati jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju msemmi hawn fuq jew mis-sit elettroniku tal-

HEALTH CARE PROFESSIONS ACT 2003 (CAP. 464)

PHARMACY COUNCIL (ELECTIONS) REGULATIONS, 2003

Nomination of Candidates

It is hereby notified in pursuance of the provisions of Regulation 4 of the Pharmacy Council (Elections), 2003 that the nominations of candidates to fill five vacancies of Pharmacists and two vacancies of Pharmacy Technicians on the Pharmacy Council, in accordance with the provisions of Section 15 of the Health Care Professions Act, 2003 (Cap. 464), will be received by the Registrar of the Pharmacy Council at the Pharmacy Council's Office, OPD Level 1, St Luke's Hospital, St Luke's Square, Gwardanġa, on Thursday, 16th October, 2025, and Friday, 17th October, 2025, between 8.30 a.m. and 12.30 p.m.

ONLY those pharmacists and pharmacy technicians who are registered by the 15th October, 2025, will be eligible for election.

Nomination forms for candidates are obtainable from the abovementioned office in Malta or from the Pharmacy

Kunsill (https://pharmacycouncil.gov.mt/), jew permezz ta' ittra elettronika lil (pharmacycouncil.health@gov.mt).

Joseph Busuttil
Dorothy Meli
Stephen Farrugia
Kummissjonarji dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Ispiżjara

It-3 ta' Ottubru, 2025

Council's website (https://pharmacycouncil.gov.mt/), or by sending an email to (pharmacycouncil.health@gov.mt).

Joseph Busuttil
Dorothy Meli
Stephen Farrugia
Pharmacy Council Election Commissioners

3rd October, 2025

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI

Notifikazzjoni ta' Konċentrazzjoni

Skont ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 ippubblikati f'Avviż Legali 294 tal-2002, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jinnotifika għal informazzjoni ġenerali li ġiet ippreżentata notifika ta' konċentrazzjoni bejn CL Financing Diamond Limited (George Town, Gżejjer Cayman) u KDAC Aviation Holding (Ireland) Limited (Dublin, Repubblika tal-Irlanda) nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru, 2025.

In-natura tal-konċentrazzjoni hija l-akkwist minn CL Financing Diamond Limited ta' numru ta' assi ta' ajruplani b'kirja minn KDAC Aviation Holding (Ireland) Limited.

CL Financing Diamond Limited hija special purpose vehicle li għandha fil-pussess tagħha ajruplani kummerċjali u assi tal-avjazzjoni madwar id-dinja u tifforma parti mill-grupp Castlelake. Il-grupp huwa ffukat fuq investimenti bbażati fuq l-assi li jinkludi assi tal-avjazzjoni kummerċjali, assi reali u finanzjament speċjali privati.

KDAC Aviation Holding (Ireland) Limited hija parti minn grupp li għandu fil-pussess tiegħu globali ajruplani kummerċjali u assi tal-avjazzjoni u tipprovdi kreditu ġenerali u industrijali fuq medda intermedja, kif ukoll fit-tul. Il-grupp huwa involut fix-xiri, il-kiri u l-kummerċ ta' ajruplani.

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jistieden lil terzi interessati sabiex jissottomettu l-oġġezzjonijiet tagħhom bil-miktub dwar din il-konċentrazzjoni notifikata fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'dan l-indirizz:

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni
u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Il-Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

jew competition@mccaa.org.mt

It-3 ta' Ottubru, 2025

OFFICE FOR COMPETITION

Notification of Concentration

In terms of regulation 5(4) of the Control of Concentrations Regulations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director General of the Office for Competition notifies for general information that a notification of a concentration between CL Financing Diamond Limited (George Town, Cayman Islands) and KDAC Aviation Holding (Ireland) Limited (Dublin, Republic of Ireland) was filed on Monday, 29th September, 2025.

The nature of the concentration is the acquisition by CL Financing Diamond Limited of a number of on-lease aircraft assets of KDAC Aviation Holding (Ireland) Limited.

CL Financing Diamond Limited is a special purpose vehicle that owns commercial aircraft and aviation assets globally and forms part of the Castlelake group. The group is focused on asset-based investments in commercial aviation assets, real assets and private speciality finance asset classes.

KDAC Aviation Holding (Ireland) Limited is part of a group that owns commercial aircraft and aviation assets globally. It provides intermediate to long-term general and industrial credit. The group is involved in purchasing, leasing and trading of aircrafts.

The Director General of the Office for Competition invites interested third parties to submit their written objections on this notified concentration within seven days following publication of this notice at the following address:

Malta Competition and Consumer Affairs
Authority
Office for Competition
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

or competition@mccaa.org.mt

3rd October, 2025

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 31 JULY 2025

	€		€
Gold and gold receivables	27,540,180	Banknotes in circulation	1,895,409,390
Claims on non-euro area residents in fcy	1,261,408,256	Liabilities related to monetary policy operations	3,581,207,035
Claims on euro area residents in fcy	250,773,059	Other liabilities on euro area credit institutions in euro	7,563,618
Claims on non-euro area residents in euro	956,277,823	Debt certificates issued	-
Lending related to monetary policy operations	73,000,000	Liabilities to other euro area residents in euro	1,013,422,125
Other claims on euro area credit institutions in euro	266,057	Liabilities to non-euro area residents in euro	15,574,345
Securities of euro area residents in euro	2,758,829,406	Liabilities to euro area residents in fcy	418,462,344
General government debt in euro	-	Liabilities to non-euro area residents in fcy	-
Intra-Eurosystem claims	2,352,485,624	Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	300,889,484
Items in course of settlement	16,575	Intra-Eurosystem liabilities	516,357,040
Other assets	633,074,346	Items in course of settlement	354,591
		Other liabilities	46,853,149
		Provisions	94,131,253
		Revaluation accounts	31,486,979
		Capital and reserves	391,959,973
	8,313,671,326		**8,313,671,326**

AMY CAMILLERI
HEAD
FINANCIAL CONTROL

MARYANNE ATTARD
CHIEF OFFICER
FINANCIAL CONTROL AND RISK

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 31 AUGUST 2025

	€		€
Gold and gold receivables	30,405,180	Banknotes in circulation	1,894,739,420
Claims on non-euro area residents in fcy	1,339,767,070	Liabilities related to monetary policy operations	3,692,928,470
Claims on euro area residents in fcy	251,520,295	Other liabilities on euro area credit institutions in euro	7,563,618
Claims on non-euro area residents in euro	952,761,836	Debt certificates issued	-
Lending related to monetary policy operations	63,500,000	Liabilities to other euro area residents in euro	1,281,118,785
Other claims on euro area credit institutions in euro	244,447	Liabilities to non-euro area residents in euro	30,296,500
Securities of euro area residents in euro	2,769,417,310	Liabilities to euro area residents in fcy	434,250,941
General government debt in euro	-	Liabilities to non-euro area residents in fcy	8,084
Intra-Eurosystem claims	2,658,401,251	Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	300,889,484
Items in course of settlement	6,844,174	Intra-Eurosystem liabilities	506,907,135
Other assets	647,854,309	Items in course of settlement	576,677
		Other liabilities	52,621,122
		Provisions	94,131,253
		Revaluation accounts	31,486,979
		Capital and reserves	393,197,404
	8,720,715,872		**8,720,715,872**

AMY CAMILLERI
HEAD
FINANCIAL CONTROL

MARYANNE ATTARD
CHIEF OFFICER
FINANCIAL CONTROL AND RISK

KUNSILL LOKALI L-KALKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Kalkara jgħarraf li parkeġġ f'Dawret il-Bajja, il-Kalkara, se jkun projbit kif indikat permezz ta' tabelli 'no parking' minħabba li se tkun magħluqa għat-traffiku mis-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Ottubru, 2025 sat-8.00 p.m. tal-Ħamis, 16 ta' Ottubru, 2025.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Ottubru, 2025

KUNSILL LOKALI L-BELT VALLETTA

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Belt Valletta jgħarraf illi ħadd ma jista' jipparkja fl-ispazji ta' parkeġġ indikati b'tabelli 'no parking' fit-toroq imsemmija hawn fil-ġranet u ħinijiet indikati:

Mis-6.00 a.m. tat-Tlieta, 7 ta' Ottubru, 2025 sat-8.00 p.m. tal-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2025, fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq San Nikola, fi Triq il-Lanċa, f'Xatt il-Barriera u fi Triq San Bastjan;

Mis-6.00 a.m. tal-Ħamis, 9 ta' Ottubru, 2025 sal-11.00 p.m. tal-Ħamis, 16 ta' Ottubru, 2025, fil-Foss ta' San Mikiel (il-Foss tal-Belt) u fil-Kontrogwardja ta' San Mikiel;

Mis-2.00 p.m. tas-Sibt, 11 ta' Ottubru, 2025 sat-8.00 p.m. tal-Ħadd, 12 ta' Ottubru, 2025, fi Triq l-Assedju l-Kbir, fi Triq Marsamxett, fi Triq San Mark kantuniera ma' Triq il-Punent, fi Triq Santa Luċija u f'Misraħ Mattia Preti.

L-għeluq u l-ftuħ tat-toroq imsemmija se jsiru skont il-bżonn.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Ottubru, 2025

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Irmunkar ta' Vettura

Il-Kunsill Lokali Marsaskala jgħarraf illi karozza ta' għamla Volkswagen ta' kulur iswed bin-numru ta' reġistrazzjoni EOS353 li kienet ipparkjata għal perjodu twil bil-liċenzja skaduta fi Triq l-Għaġuża, ġiet irmunkata mill-Kunsill Lokali Marsaskala fit-30 ta' Settembru, 2025, u meħuda għand Ta' Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, wara tmint ijiem ta' notifika skont il-finijiet ta' Artikolu 8A, tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat bl-Avviż Legali 123

KALKARA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Kalkara Local Council notifies that parking will be prohibited in Dawret il-Bajja, Kalkara, in the parking bays indicated by 'no parking' signs due to road closure from 2.00 p.m. of Monday, 13th October, 2025 to 8.00 p.m. of Thursday, 16th October, 2025.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

3rd October, 2025

VALLETTA LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Valletta Local Council notifies that parking will be prohibited in the parking bays indicated by no parking signs in the following streets/areas on the following dates and times:

From 6.00 a.m. of Tuesday, 7th October, 2025 to 8.00 p.m. of Friday, 17th October, 2025, in Triq l-Għajn corner with Triq San Nikola, in Triq il-Lanċa, in Xatt il-Barriera and in Triq San Bastjan;

From 6.00 a.m. of Thursday, 9th October, 2025 to 11.00 p.m. of Thursday, 16th October, 2025, in Saint Michael's Ditch (Valletta Ditch) and in Saint Michael's Counterguard;

From 2.00 p.m. of Saturday, 11th October, 2025 to 8.00 p.m. of Sunday, 12th October, 2025, in Triq l-Assedju l-Kbir, in Triq Marsamxett, in Triq San Mark corner with Triq il-Punent, in Triq Santa Luċija and in Misraħ Mattia Preti.

Road closures and openings in the aforementioned streets will take place as required.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

3rd October, 2025

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

Towing of Vehicle

The Marsaskala Local Council notifies that a black vehicle of model Volkswagen with registration number EOS353 which was parked for a long period with an expired licence in Triq l-Għaġuża, was towed by the Marsaskala Local Council on 30th September, 2025, and taken to Ta' Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, after being notified for 8 days as in virtue of Section 8A, of Legal Notice 94 of 1977 as amended with Legal Notice 123 of 2001 and Subsidiary

tal-2001 u Subsidiary Legislation 65.13 (Regolament dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru).

Jekk sidha ma jmurx għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi, din il-vettura se tiġi skrappjata.

It-3 ta' Ottubru, 2025

KUNSILL LOKALI L-ISLA

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Isla jgħarraf illi parkeġġ se jkun projbit fl-ispazji ta' parkeġġ indikati bit-tabelli 'no parking' fi Triq il-Ħabs l-Antik mis-2.00 p.m. tat-Tnejn, 13 ta' Ottubru, 2025 sat-8.00 p.m. tal-Ġimgħa, 17 ta' Ottubru, 2025.

L-għeluq u l-ftuħ tat-triq se jsiru skont il-bżonn.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Ottubru, 2025

KUNSILL LOKALI L-GŻIRA

Il-Kunsill Lokali l-Gżira jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Gżira permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Novembru, 2025, għal:

Avviż Nru GLC51/01/2025. Kiri, installazzjoni u żarmar ta' dwal dekorattivi tal-Milied fil-Gżira;

Avviż Nru GLC51/02/2025. Servizz ta' ġbir ta' skart goff bl-użu ta' vettura b'emissjonijiet baxxi għall-Kunsill Lokali l-Gżira.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-3 ta' Ottubru, 2025

Legislation 65.13 (Traffic Regulations regarding Clamping and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated timeframe according to law, the said vehicle will be scrapped.

3rd October, 2025

ISLA LOCAL COUNCIL

Parking Suspension

The Isla Local Council notifies that parking will be prohibited in the parking bays indicated by 'no parking' signs in Triq il-Ħabs l-Antik from 2.00 p.m. of Monday, 13th October, 2025 to 8.00 p.m. of Friday, 17th October, 2025.

Road closure and opening of the mentioned street will take place as required.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

3rd October, 2025

GŻIRA LOCAL COUNCIL

The Gżira Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Gżira Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. of Monday, 3rd November, 2025, for:

Advt No. GLC51/01/2025. Rental, installation and dismantling of decorative Christmas lights in Gżira;

Advt No. GLC51/02/2025. Bulky refuse collection service using a low-emission vehicle for the Gżira Local Council.

mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Ian Farrugia, LLD) fil-25 ta' Jannar, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-27 ta' Jannar, 2021, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Josephine Harmsworth u ALAN HARMSWORTH.

by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Ian Farrugia, LLD) on the 25th January, 2021, which was published in the Government Gazette on the 27th January, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Josephine Harmsworth and ALAN HARMSWORTH.

Illum 18 ta' Settembru, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Today 18th September, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2478

ARB/C054/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-9 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (l-Onor. Imħallef Dott. Rachel Montebello, LLD) Kumpilazzjoni Numru 561/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JONATHAN MIZZI;

GRETA sive GRETA JOSEPHINE MIZZI;

OTMAN ALI OTMAN ABDULKADER;

AKAKUS INTERNATIONAL LTD;

CONVEY SHIPPING & TRADING AGENCY LTD;

DUNCAN MANGION;

CARMEL BUSUTTIL;

TIMOTHY GALEA, impjegat, ta' 46 sena, iben il-mejjet John Galea u Deborah Galea xebba Fenech, imwieled Ħ'Attard, Malta, fit-3 ta' Marzu, 1979, u residenti f'1, 'Primrose', Triq il-Ġellewż, In-Naxxar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 140979M.

JONATHAN THEUMA;

EDWARD MIFSUD;

U

MARICA BUGEJA;

ARB/C057/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 9th September, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 561/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

JONATHAN MIZZI;

GRETA sive GRETA JOSEPHINE MIZZI;

OTMAN ALI OTMAN ABDULKADER;

AKAKUS INTERNATIONAL LTD;

CONVEY SHIPPING & TRADING AGENCY LTD;

DUNCAN MANGION;

CARMEL BUSUTTIL;

TIMOTHY GALEA, employee, 46 years, son of the late John Galea and Deborah Galea née Fenech, born in Ħ'Attard, Malta, on the 3rd March, 1979, and residing at 1, 'Primrose', Triq il-Ġellewż, Naxxar, and holder of Maltese identity card bearing number 140979M.

JONATHAN THEUMA;

EDWARD MIFSUD;

AND

MARICA BUGEJA;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil Mapfre MSV Life plc sabiex tirċievi l-ħlas ta' €480 rappreżentanti l-polza bin-numru FP465562 (Legacy Comprehensive with profits) mill-kont bankarju intestat f'isem TIMOTHY GALEA li jispiċċa -0017 u miżmum ma' APS Bank plc. Illi tali pagament għandu jifforma parti mill-ammont annwali ta' €21,945 li l-imputat huwa intitolat jipperċepixxi mill-kont bankarju li jispiċċa -0017.

Il-Qorti AWTORIZZAT ukoll lil APS Bank plc tirrilaxxa din is-somma lil Mapfre MSV Life plc għat-tiġdid tal-polza msemmija.

Illi f'każ illi l-ħlas premium ta' din il-polza jkun spiża rikorrenti ta' kull sena, din l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-esekuzzjoni ta' dawn l-ispejjeż tibqa' valida u applikabbli kull darba li dawn il-pagamenti jkunu dovuti, mill-kont bankarju li jispiċċa -0017 u miżmum mal-APS Bank plc, mingħajr il-ħtieġa li jiġi sottomess rikors ieħor.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Noel Bartolo, LLD) l-10 ta' Lulju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Lulju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Jonathan Mizzi, Greta sive Greta Josephine Mizzi, Otman Ali Otman Abdulkader, Akakus International Ltd, Convey Shipping & Trading Agency Ltd, Duncan Mangion, Carmel Busuttil, TIMOTHY GALEA, Jonathan Theuma, Edward Mifsud and Marica Bugeja.

Illum 18 ta' Settembru, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Court AUTHORISES Mapfre MSV Life plc to receive the payment of €480 on the policy with reference number FP465562 (Legacy Comprehensive with Profits) from the bank account registered in the name of TIMOTHY GALEA ending in -0017 and held at APS Bank plc. That such payment shall form part of the annual amount of €21,945 which the accused is entitled to perceive from the bank account ending in -0017.

The Court further AUTHORISES APS Bank plc to release this sum to Mapfre MSV life plc for the renewal of the said policy.

That in case the premium payment of this policy is incurred annually, this court authorisation for the execution of these expenses shall remain valid and applicable each time these payments are due, from the bank account ending in -0017 and held with APS Bank plc, without the need to submit an application every time these expenses arise.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Noel Bartolo LLD) on the 10th July, 2024, which was published in the Government Gazette on the 19th July, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Jonathan Mizzi, Greta sive Greta Josephine Mizzi, Otman Ali Otman Abdulkader, Akakus International Ltd, Convey Shipping & Trading Agency Ltd, Duncan Mangion, Carmel Busuttil, TIMOTHY GALEA, Jonathan Theuma, Edward Mifsud and Marica Bugeja.

Today 18th September, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2479

ARB/C105/2025 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Abigail Critien, LLD), Kumpilazzjoni Numru 8739/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

NATHAN AZZOPARDI, kuċċier, ta' 27 sena, iben Joseph Azzopardi u Sharon Azzopardi xebba' Cini, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-28 ta' April, 1998, residenti ġewwa

ARB/C105/2025 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd September, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Abigail Critien, LLD), with Compilation Number 8739/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

NATHAN AZZOPARDI, horse cab driver, 27 years, son of Joseph Azzopardi and Sharon Azzopardi née Cini born in Tal-Pietà, Malta, on the 28th April, 1998, residing in Block

Block 6, Flat 8, Triq il-Ġnien, Santa Luċija, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 167898M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' NATHAN AZZOPARDI u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 5 tal- Att Kontra Money Laundering, Kap. 373 tal- Liġijiet ta' Malta, Artikolu 36 tal- Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn se jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, Artikolu 5, Artikolu 36 u Artikolu 23A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 29 ta' Settembru, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to NATHAN AZZOPARDI and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code , Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 5, Article 36 and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 29th September, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2480

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Awwissu, 2025, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-30 ta' Settembru, 2025, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta

Banns for Curator

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 28th of August, 2025,, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below so that for all purposes and effects of the law it may serve as a notification in accordance with article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree issued on the 30th of September, 2025, it was ordered that a deputy curator be selected in accordance

lill-imsiefer Bela Zoltan Mjaor fl-atti tar-rikors ġuramentat bin-numru 23/2023 SG fl-ismijiet 'Timea Horvath vs Bela Zoltan Major', liema rikors ġuramentat ġie ppreżentat fl-14 ta' Marzu, 2023, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti. Fl-imsemmi rikors ġuramentat ġie mitlub illi l-Qorti tordna illi s-sentenza tal-Qorti ta' Kalosca fl-Ungerija datata l-10 ta' Jannar, 2019, tiġi rikonoxxuta anke f'dawn il-Gżejjer a tenur tal-artiklu 30 tal-Kapitlu IV (Dispożizzjonijiet ġenerali dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni).

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Simone Grech BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 30 ta' Settembru, 2025

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

JAKE MEJLAK
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

with the law to represent the expatriate Bela Zoltan Major in the acts of the sworn application bearing number 23/2023 SG in names 'Timea Horvath vs Bela Zoltan Major', which sworn application was filed on the 14th of March, 2023, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts. In the said sworn application it was requested that the Court order that the judgment of the Court of Kalosca in Hungary dated 10th January, 2019, be recognised also in these Islands in terms of article 30 of Cap. IV (General provisions on recognition and enforcement), of Council Regulation (EU) 2019/1111 on jurisdiction, the recognition and enforcement of decisions in matrimonial matters and the matters of parental responsibility, and on international child abduction (recast).

You are hereby ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and hereby summon anyone who wishes to enter as a curator to appear within six (6) days in this Registry and make a note declaring that he so wishes.

You are also ordered to inform each and every one that if they do not make this declaration within the time above given, this Court will proceed to appoint a curator of the office. And after you have done so, or if you encounter any obstacles in the execution of these banns, you are to inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section above mentioned under the signature of Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Magistrate of the abovementioned Court.

This 30th of September, 2025

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

JAKE MEJLAK
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2481

B'digriet tas-16 ta' Jannar, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Lulju, 2025, fuq rikors ta' Belair Sliema Limited (C88195) u fuq nota tal-BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C41030) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 6 ta' Novembru, 2025,

By a decree given on the 16th January, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th July, 2025, on the application of Belair Sliema Limited (C88195) following a request of BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc (C41030), Thursday, 6th November,

fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 am) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-arja sovraposta għal penthouse internament numerata ħamsa (5), ta' qies ta' mija u sitta u għoxrin metru kwadru (126mk), formanti parti minn blokk mibni fuq sitt sulari u li kien ġie mibni fuq sit preċedentement okkupat mill-fondi uffiċjalment immarkati numru mitejn u disgħa u ħamsin (259) u mitejn u wieħed u sittin (261), fi Triq D'Argens, Il-Gżira, suġġetta għall-użu tal-inkwilini tal-blokk sabiex jinstallaw, jimmantjenu u jsewwu s-servizzi permessi fuq il-bejt permezz ta' notifika almenu erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel l-użu u matul il-ġurnata, konfinanti l-intier tal-fond mil-Lvant mal-imsemmija Triq D'Argens, u mill-bqija ma' proprjetà tal-familja Moroni Viani jew suċċessuri tagħhom fit-titolu, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, libera u franka, inkluż li jinbnew sulari addizzjonali u li llum dan l-għoli diġà ntlaħaq skont in-North Harbour Local Plan u dan ikun possibbli jekk isir tibdil fl-istess policy, u stmata li tiswa għoxrin elf ewro (€20,000).

Il-fond uffiċjalment immarkat bin-numru mitejn u sebgħa u ħamsin (257), fi Triq D'Argens, Il-Gżira, inkluż l-arja tiegħu li preżentament jinsab fi stat bħala art skavata ta' qies ta' disgħin metru kwadru punt sebgħa (90.7mk) u li tħalliet biss il-faċċata tiegħu, kopert bil-permess tal-bini PA/0878/18 maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar, liema permess huwa preżentament skadut, u suġġett għas-sehem tiegħu miċ-ċens annwu u perpetwu ta' seba' ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€7.98), li jifforma parti minn ċens akbar ta' tliet proprjetajiet bin-numri mitejn u sebgħa u ħamsin (257), mitejn u disgħa u ħamsin (259) u mitejn u wieħed u sittin (261) kollha fi Triq D'Argens, u mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu u stmat li jiswa ħames mitt elf ewro (€500,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Frendo Peter James (KI 369782M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, llum l-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2025, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The airspace overlying the penthouse internally numbered five (5), measuring one hundred and twenty six square metres (126sqm), forming part of a block built on six floors and which was built on a site previously occupied by the tenements officially marked as numbers two hundred and fifty nine (259) and two hundred and sixty one (261), in Triq D'Argens, Gżira, subject to the use by the block residents to install, maintain and repair the allowed services on the roof premises, by means of a notification at least twenty four (24) hours prior to the use and during daytime, bounded East with the said Triq D'Argens, and on all other compass points with property of the Moroni Viani family or their successors in title, with all its rights and appurtenances, free and unencumbered, including the building of additional floors and which presently, this height is already reached according to the North Harbour Local Plan and this will be possible if changes are made to the same policy, and is valued at twenty thousand euro (€20,000).

The tenement officially marked number two hundred and fifty seven (257), in Triq D'Argens, Gżira, including its airspace, which presently is in a state as excavated land, measuring ninety point seven square metre (90.7sqm), apart from the facade which was not demolished, covered by a building permit PA/0878/18 issued from the Planning Authority, which permit is presently out dated, and is subject to its share of annual and perpetual ground rent of seven euro and ninety eight cent (€7.98) which forms part of a larger groundrent of three properties with numbers two hundred and fifty seven (257), two hundred and fifty nine (259) and two hundred and sixty one (261), all in Triq D'Argens, otherwise free and unencumebred, with all its rights and appurtenences, and is valued at five hundred thousand euro (€500,000).

The said tenement is the property of Frendo Peter James (ID 369782M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2023.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 01st October, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2482

B'digriet tal-25 ta' Settembru, 2025, mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni (Kap. 12).

By decree of the 25th September, 2025 given by the Civil Court, First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

B'nota ppreżentata fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Marzu, 2024, minn Albino Said (KI 019652M) u John Said (KI 002260M) qegħdin jitolbu illi jidħlu bħala kredituri eżekutanti oħra fl-atti tas-subbasta numru 53/2021 fl-ismijiet Anne Marie Bezzina Busuttil (KI 72973M) vs Charter Properties Limited (C69311) fis-somma ta' tnejn u sebgħin elf ewro (€72,000) bħala sorte, bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mit-tmienja u għoxrin ta' Settembru, elfejn u tlieta u għoxrin (28.9.2023) sal-ħlas effettiv flimkien mal-ispejjeż tal-kawża, kif kanonizzat permezz ta' sentenza mogħtija fit-tmienja u għoxrin ta' Settembru, elfejn u tlieta u għoxrin (28.9.2023) u kif jinsab munit permezz ta' ipoteka ġudizzjarja ġenerali iskritti bin-numru 2725/2024.

Reġistru tal-Qorti Prim'Awla, illum l-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a note filed in the Civil Court, First Hall, on the 5th of March, 2024, by Albino Said (ID 019652M) and John Said (ID 002260M), it is being asked to enter as other execution creditors in the acts of the judicial sale file number 53/2021 in the names Anne Marie Bezzina Busuttil (ID 72973M) vs Charter Properties Limited (C69311) in the sum of seventy two thousand euro (€72,000) as capital, with the legal interest accruing from the twenty eighth of September, two thousand and twenty three (28.9.2023) until the effective payment together with the case fees, as declared by means of the sentence given on the twenty eighth of September, two thousand and twenty three (28.9.2023) and this as is safeguarded by means of a general judicial hypothec registered by number 2725/2024.

Registry of the Civil Court First Hall, today the Wednesday, 1st October, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2483

B'digriet tal-25 ta' Settembru, 2025, mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni (Kap. 12)

B'nota ppreżentata fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Frar, 2024, minn BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C41030), qegħdin jitolbu illi jidħlu bħala kredituri eżekutanti fl-atti tas-subbasta numru 44/2023 fl-ismijiet Belair Sliema Limited (C88195) vs Peter James Frendo (KI 369782M) u dan billi l-kreditu għadu ma ġiex saldat kollu u sat-23 ta' Frar, 2024, il-bilanċ dovut kien ta' tliet mija u tletin elf u sitt mija u ħamsa u tmenin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€330,685.81), bl-imgħaxijiet inklużi u apparti mgħaxijiet ulterjuri u spejjeż kif kanonizzat permezz ta' sentenza mogħtija fis-sittax ta' Frar, elfejn u tlieta u għoxrin (16.2.2023) u kif jinsab munit permezz ta' ipoteki iskritti bin-numru 5397/2019 u 5398/2019.

Reġistru tal-Qorti Prim'Awla, illum l-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree of the 25th September, 2025 given by the Civil Court, First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By a note filed in the Civil Court, First Hall, on the 27th of February, 2024, by BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc (C41030), it is being asked to enter as execution creditors in the acts of the judicial sale file number 44/2023 in the names Belair Sliema Limited (C88195) vs Peter James Frendo (ID 369782M) and this because the credit has not yet been paid all and till the 23rd February, 2024, the remaning balance was three hundred and thirty thousand, six hundred and eighty five euro and eighty one cent (€330,685.81), with the interest included, and apart from other interests and fees as declared by means of the sentence given on the sixteenth of February, two thousand and twenty three (16.2.2023) and as is safeguarded by means of hypothecs registered by numbers 5397/2019 and 5398/2019.

Registry of the Civil Court First Hall, today the Wednesday, 1st October, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2484

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Settembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1/2025ISB, fl-ismijiet: L-Avukat Dott. Sefora Agius noe vs Mori Capital Management Limited et, ġiet ordnata

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th September, 2025, in the records of the Sworn application number 1/2025ISB, in the names: Advocate Dr Sefora Agius noe vs Mori Capital Management Limited et,

s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: l-Avukat Dott. Sefora Agius (295789M) noe vs Mori Capital Management Limited (C66999) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li permezz tal-ftehim ta' akkwist ta' ishma datat it-12 ta' Lulju, 2022, u tal-ftehim t'akkwist t'ishma datat it-2 ta' Frar, 2023, inkella permezz ta' xi wieħed minnhom, ir-rikorrenti Piotr Sierdzan akkwista mingħand il-kumpanija intimata Alpine Limited disat elef, disa' mija u tmenin (9980) mill-ishma miżmuma minnha fil-kumpanija intimata Mori Capital Management Limited versu l-prezz ta' sitt elef, mitejn, sebgħa u tletin ewro (€6,237);

2. Tordna lill-kumpanija intimata Mori Capital Management Limited sabiex, f'terminu perentorju li jidher xieraq u opportun lil din l-Onorabbli Qorti, tagħmel u tesegwixxi dak kollu meħtieġ sabiex:

a) Tniżżel fuq ir-reġistru tagħha tal-membri l-isem u l-indirizz tar-rikorrent Piotr Sierdzan ai termini tal-Artikolu 119(1) tal-Att dwar il-kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta),

b) Tipprovdi jew tipprokura li jiġi pprovdut tramite l-awditur ta' Mori Capital Mangament Limited, lir-rikorrent, dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni kollha neċessarja sabiex ir-rikorrent ikun jista' jħallas id-dazju dovut fuq it-trasferiment skont il-liġi,

c) Ai termini tal-Artikolu 120 tal-att dwar il-kumpaniji, tikkonsenja ċertifikati tal-azzjonijiet trasferiti favur ir-rikorrent proprio, oltre li tikkonsenja lir-Reġistratur tal-kumpaniji għar-reġistrazzjoni avviż tat-trasferiment imsemmi skont kif ipprovdut fl-imsemmi artikolu 120;

3. F'każ li l-kumpanija intimata Mori Capital Management Limited tibqa' inadempjenti għal dak mitlub fit-talba (ii) hawn fuq, tawtorizza lir-rikorrent Piotr Sieradzan jagħmel u jesegwixxi dak kollu meħtieġ sabiex jiġu esegwiti l-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti fil-konfront tal-istess talba (ii) hawn fuq, u dan taħt kull ordni u provvediment li jista' jidhrilha xierqa u opportun.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1/2025ISB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-22 ta' Novembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Alpine Limited (C63160), Flat 27, Navarrino Flats, Triq Stella Maris, Tas-Sliema

the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Advocate Dr Sefora Agius (295789M) noe vs Mori Capital Management Limited (C66999) et filed in the Civil Court, First Hall, on the 6th January, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that by means of the share acquisition agreement dated 12th July, 2022, and the share acquisition agreement dated 2nd February, 2023, or by any one of them, the applicant Piotr Sierdzan acquired from the respondent company Alpine Limited nine thousand nine hundred and eighty (9980) of the shares held by it in the respondent company Mori Capital Management Limited at a price of six thousand, two hundred and thirty-seven euro (€6,237);

2. Order the respondent company Mori Capital Management Limited so that within a peremptory period which appears fit and opportune to this Honourable Court, it does and executes all that is necessary so that:

a) Enter on its register of members the name and address of the applicant Piotr Sierdzan in terms of Article 119 (1) of the companies Act (Cap 386 of the Laws of Malta),

b) Provide or procure to be provided through the auditor of Mori Capital Management Limited, to the applicant, all the information and documentation necessary to enable the applicant to pay the transfer duty due according to law,

c) In terms of Article 120 of the companies Act, deliver certificates of the shares transferred in favour of the applicant proprio, besides delivering to the Registrar of companies for registration a notice of the said transfer as provided in the said Article 120;

3. In case the company called mori Capital Management Limited remains in default to that demanded in the request (ii) above, authorise the applicant Piotr Sieradzan to do and execute all that is necessary in order to execute the orders of this Honourable Court against the same demand (ii) above, and this under any order and provision it may deem fit and opportune.

The Sworn Application number 1/2025ISB in the names mentioned above is postponed to 22nd November, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Alpine Limited (C63160), Flat 27, Navarrino Flats, Triq Stella Maris, Tas-Sliema

Aziz Unan (U13598783), Flat 27, Navarrino Flats, Triq Stella Maris, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Aziz Unan (U13598783), Flat 27, Navarrino Flats, Triq Stella Maris, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 1st October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2485

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Awwissu, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 568/2025MS, fl-ismijiet: Tax-Xiħa Catering Limited vs Baceo Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Tax-Xiħa Catering Limited (C86449) vs Baceo Limited (C86592) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Ġunju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tipproċedi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi minn min mill-konvenuti huma debitrici tar-rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà fis-somma ta' sebgħa u tmenin elf u erba' mija u tmienja u tletin ewro (€87,438);

3. Tikkundanna minn min mill-konvenuti skont it-tieni talba jħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' sebgħa u tmenin elf u erba' mija u tmienja u tletin ewro (€87,438);

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 568/2025MS fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-20 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Andre Camilleri (575685M), Coastal Breeze, Apartments, No. 4, Triq A .G. Chesney, Ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 21st August, 2025, in the records of the Sworn application number 568/2025MS, in the names: Of the old Catering Limited vs Baceo Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Of the old Catering Limited (C86449) vs Baceo Limited (C86592) et filed in the Civil Court, First Hall, on the 3rd June, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Uphold the applicant's request and proceed to give judgement without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Declare and decide who of the defendants are debtors of the applicant against the company in the sum of eighty seven thousand and four hundred and thirty eight euro (€87,438);

3. Condemn by whom from the defendants according to the second demand to pay the applicant company the sum of eighty seven thousand and four hundred and thirty eight euro (€87,438);

With all costs and legal interests against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 568/2025MS in the names mentioned above is postponed for hearing to the 20th October, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent:Andre Camilleri (575685M), Coastal Breeze, apartments, No. 4, Triq A .G. Chesney, Xgħajra, Ħaż-Żabbar

Registry of the Superior Courts, today 1st October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2486

B'digriet tat-30 ta' Settembru, 2025, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-

By a decree given on the 30th September, 2025, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract

pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' April, 2025, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C2833 ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 7 ta' Ottubru, 2025, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 am) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell-1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-apartament internament immarkat bin-numru erbgħa (4) sitwat fis-second floor level u ċoè fit-tielet sular mit-triq formanti parti minn blokk ta' appartamenti bla numru uffiċjali bl-isem ta' 'Alisa' fi Triq Lorry Sant ġja triq ġdida bla isem illi tagħti għal Cospicua Road, il-Fgura, u jikkonfina mat-Tramuntana ma' Triq Lorry Sant, mil-Lvant ma' proprjetà ta' F. J. A. Limited jew l-aventi kawża tagħha u mill-Punent in parti mal-aventi kawża ta' Jolmar u Carcam Limited u in parti mal-istess Triq Lorry Sant jew irjieħ verjuri, aċċessibbli minn taraġ komuni bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha, hekk kif suġġett u jgawdi s-servitujiet attivi u passivi naxxenti mill-pożizzjoni tiegħu, inkluż is-sehem indiviż 'prorata' mill-partijiet komuni flimkien mal-proprjetarji l-oħra tal-istess blokk, tal-entratura, tat-taraġ, indani, drains u drainage system, lift shaft u dawk is-servizzi u l-partijiet kollha l-oħra intizi ghall-użu komuni, eskluża l-arja inkluż però id-dritt ta' użu ta' dik il-parti tal-bejt sovraposta għall-istess apartament flimkien mas-sidien l-oħra tal-flats fl-istess blokk, kif ukoll id-dritt ta' installazzjoni ta' tank tal-ilma ta' seba' mija u ħamsin litru (750l) u aerial tat-televixin u/jew satellite dish ta' mhux aktar minn wieħed punt wieħed metru (1.1m) diametru fuq il-bejt tal-blokk, f'post indikat u bid-dritt ta' aċċess għall-istess bejt f'każ ta' ħsara u manutenzjoni ta' dawn is-servizzi f'hinjiet raġonevoli u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Patricia Hall datat t-tlettax ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (13.7.2005) u stmat li jiswa tliet mitt elf ewro (€300,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Simon Tabone (KI 199779M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 8/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 29th April, 2025, on the application of Bank of Valletta plc with the registration number C2833, Tuesday, 7th October, 2025, at half past eleven (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

